MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru 425/2008

IL-PULIZIJA
SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT
VS
AYRTON DUNCAN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ayrton Duncan, ta’ 19 sena, iben Ian u Sandra nee’ Mifsud, imwieled Zabbar fi 25 ta’ Novembru 1988 residenti ‘Flt 2’ Coronation Building St’ Edward Street Vittoriosa, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 545388(M)

Illi huwa akkuzat talli, bejn it-2 u l-20 ta’ Frar 2008 u f’hinijiet differenti minghajr awtorizzazzjoni;

1). Ipprevena jew ostakola d-dhul ghal xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta’ appogg ta’ Marlene (Maria Carmela) Cassar mill-Fgura;

2). Uza kodici ta’ dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra cioe’ dik ta’ Marlene (Maria Carmela) Cassar mill-Fgura;

3). Ha pussess ta’ *computer,* sistema ta’ *computer, computer network* jew provvisti ta’ *computer* li jintuzaw f’xi *computer* jew *computer network*.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta’ l-imputat (a fol.7), sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Semghat il-konferma ta’ l-istess imputat wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni t-tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 337 B, 337 C (1) (d) (i), 337 C 2(a), 337 D (b) u 337 F tal-Kap.9 tal-ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta’ elf Euro li ghandhom jithallsu b’rati mensili fi zmien sitt xuhur.

In oltre, ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ sitt xuhur taht is-sorvejlanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nnominat.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ giovanili ta’ l-imputat, il-fatt illi huwa ‘a first offender’, il-fatt illi hallas l-hsarat li wettaq fil-mori tal-kawza u minhabba li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------